FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS, 24 TA' OTTUBRU, 1996

Avv Nru.450/96

Direttur tas-Sigurta' Socjali

vs

Tessie Spagnol

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Settembru, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Ghoxrin Lira Maltija u ghoxrin centezmu, (Lm20.20), peress li Paul Carabott li kien joqghod 3 Triq il-Helsien, Zejtun, miet fid-19 ta' Novembru, 1993, u hu kien jiehu l-ghejnuna medika fi flus; u

Il-konvenuta li kienet agenta ta' Paul Carabott naqset li tavza lid-direttur tas-Sigurta' Socjali dwar il-mewt tieghu fil-hin, hareg cekk ta' (Lm17.20) li kien ikopri mis-27 ta' Novembru, 1993 sal-24 ta' Dicembru, 1993, u ghalhekk ma setax jissarraf ghalkemm Tessie Spagnol sarrfitu fl-20 ta' Dicembru, 1993.

Il-firma li hemm fuq ic-cekk xejn ma tixbah lill-firma originali fuq l-applikazzjoni u tidher falza.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma ppresentatx risposta fir-rigward, u lanqas ma dehret fis-seduta;

Semgha x-xhieda ta' Catherine Xuereb ghad-Direttur tas-Sigurta' Socjali

li ikkonfermat dak li hemm fl-avviz.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

In vista tal-fatt illi jirrizulta li l-pagament mitlub ta' Sbatax il-Lira Maltija u ghoxrin centezmu ghadu ma sarx, pero' ma jirrizultax li hu dovut l-ammont ta' Ghoxrin Lira Matija u ghoxrin centezmu;

It-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lil-konvenuta thallas lid-Direttur tas-Sigurta Socjali l-ammont ta' Sbatax il-Lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm17.20), kif fuq inghad;

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.